

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2015 minn Shoe Branding Europe BVBA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-21 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-145/14 – adidas AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-396/15 P)

(2016/C 118/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Shoe Branding Europe BVBA (rappreżentant: J. Løje, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: adidas AG, L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddikjarat l-appell inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichts Darmstadt (il-Ġermanja) fis-7 ta' Diċembru 2015 – FurkanTekdemir et vs Kreis Bergstraße

(Kawża C-652/15)

(2016/C 118/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichts Darmstadt.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: FurkanTekdemir et

Konvenuta: Kreis Bergstraße

Domandi preliminari

- 1) L-għan ta' ġestjoni effikaċi tal-flussi migratorji jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li hija ta' natura li tirrifjuta lil ċittadin Tork, imwieled fit-territorju Federali, l-eżenzjoni mill-obbligu li jkollu permess ta' residenza li jista' jitlob bis-saħħa tal-klawżola ta' standstill tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni?
- 2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi pożittivament għal din id-domanda, liema huma r-rekwiżiti kwalitattivi li għandhom jintalbu fir-rigward ta' "raġuni imperattiva ta' interess ġenerali" fid-dawl tal-għan ta' ġestjoni effikaċi tal-flussi migratorji?

Appell ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2015 minn Panrico S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fis-7 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża T-534/13, Panrico vs EUIPO**(Kawża C-655/15 P)**

(2016/C 118/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Appellanti: Panrico S.A. (rappreżentant: D. Pellisé Urquiza, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u HDN Development Corp.

Talbiet

- tannulla fit-totalità tagħha s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (ir-Raba' Awla) tas-7 ta' Ottubru 2015 mogħtija fil-Kawża T-534/13
- tilqa t-talbiet magħmula quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi għal revoka jew għal annullament tad-deċiżjoni tar-Reba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Lulju 2013 fil-Każ R 623/2011-4
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-kawża

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka l-aggravji li ġejjin, ibbażati fuq ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja, kif ukoll fuq ksur tal-ġurisprudenza li interpretat dawn id-dispożizzjonijiet.

L-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi, imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta identifikat l-element dominanti tas-sinjali kunfliġġenti u meta qabblat dawn is-sinjali, mingħajr ma qieset minn qabel la l-kuntest tas-suq rilevanti u lanqas il-perspettiva tal-pubbliku rilevanti fuq il-karattru f'tit jew wisq distintiv tas-sinjali kunfliġġenti u/jew tal-elementi li jikkomponuhom.